# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 24 ta’ April, 2001**

**Numru 2**

**Rikors Nru. 5B/95 JC**

**Joseph Axiak**

**vs**

**Emanuela armla minn Emanuel Brincat u ghal kull interess li jista’ jkollhom Joseph u Evelyn konjugi Brincat u Louis u Josephine konjugi Brincat**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell interpost mill-intimati kontra d-decizjoni moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-26 ta’ Jannar, 2000, fil-kawza bl-ismijiet u numru ta’ riferenza premessi, liema sentenza taqra kif gej:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponent wara li qal li

1. huwa jikri lill-intimat Emanuela Brincat l-fond adebit ghall-kummerc jismu "Santini Garage" f'Redeemer Street, Zabbar bil-

kera ta' hamsin lira (Lm50) fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fis-27 ta' Frar 1995;

2. l-istess intimata minghajr il-kunsens tar-rikorrent qabdet u cediet, issullokat u/jew assenjat l-imsemmi fond jew l-uzu tieghu lill-intimati l-ohra.

Talab li jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fond billi jordna l-izgumbrament minnu dapparti ta' l-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss; bl-ispejjez.

Ra r-risposta ta' l-intimati li qalu li;

1. preliminarjament in-nullita' tar-rikors peress li m'hemmx indikat is-sinjura tar-rikorrent kif titlob il-ligi,

2. Minghajr pregjudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hu minnu xejn kif qieghed jigi allegat minnu; salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra li fis-seduta tat-28 ta' Marzu 1995 l-intimati irtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom.

Sema' x-xhieda bil-gurament, ra d-dokumenti esebiti u l-atti tal-kawza, sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati tal-partijiet u ra l-verbal tat-2 ta' Novembru 1999.

Ikkunsidra,

1. Illi dan ir-rikors hu dwar kirja ta' fond proprjeta' illum tar-rikorrent, Joseph Axiak. Imnifed ma' din il-proprjeta' kemm fond iehor proprjeta' illum ta' Guza Axiaq, oht ir-rikorrent. Il-Bord ghandu quddiemu kwistjoni dwar l-ewwel fond. Il-fondi huma mikrija separatament. Xhieda u dokumentiipprezentati dwar il-fond appartamenti lil Guza Axiaq huma ghal kollox irrelevanti u jikkomplikaw l-affarijiet bla bzonn. Dan qed jinghad l-aktar dwar xi whud mid-dokumenti pprezentati b'nota mill-intimati fir-Registru tal-Qorti fl-20 ta' Ottubru 1999. Fil-fatt fit-trattazzjoni l-abili avukat tal-intimati jirreferi biss ghad-dokument MB1 biex juri meta tassew bdiet il-kwistjoni dwar il-fond mertu tar-rikors. Ir-referenza lanqas ma saret fl-ewwel stadju tat-trattazzjoni, liema trattazzjoni l-Bord deherlu li jihodha diretta billi f'certa zmien ir-rikors ma deherx fir-Registru tal-Qorti u f'daqqa rega' deher. Il-Bord meta regghu instabu l-atti accerta ruhhu 'seduta stante', prezenti l-avukati tal-partijiet, li l-atti kienu shah u integri. Il-Bord

hass il-htiega li johrog ordni lir-Registratur tal-Qorti li meta jintalbu 'processi' tal-Bord li Jirregola l-Kera, min jitlobhom jiffirma x'hin ghaddew f'idejh u jiffirma x'hin ghaddihom lura u tqeghdu f'posthom. Il-Bord mhux lest li jittollera li processi jghibu u f'daqqa jergghu lura. Il-Bord mhux qed iwahhal fl-impjegati tar-Registru li minkejja pressjoni ta' xoghol jaqdu dejjem dmirhom.

2. Mix-xhieda jirrizulta li diga' kien hemm xi proceduri quddiem il-Qrati bejn il-partijiet dwar dan il-fond. L-istess rikorrent jghid li ma kienx jaccetta l-kera ghax kellu bzonn il-fond biex juzah hu (fol 17). Ghalhekk is-sottomissjonijiet maghmula mill-abili avukat tieghu, li rrifjuta l-kera ghax "hass illi kien hemm cessjoni jew sullokazzjoni ta' l-inkwilinat" mhiex korretta. L-intimat Louis Brincat jghid li l-kera ma bediex jigi accettat ukoll meta kien ghadu jak Emanuel Brincat.

3. Illi l-fond inkera ghall-habta ta' l-1958 minn missier ir-rikorrent lil Emanuel Brincat, zewg l-intimata u missier ir-rikorrent lil Emanuel Brincat, zewg l-intimata u missier Joseph u Louis Brincat, l-intimati l-ohra. Emanuel Brincat miet fl-14 ta' Mejju 1992. Bejn il-partijiet m'hemmx kwistjoni dwar l-ghan tal-kirja - fond kummercjali fejn isir xoghol in konnessjoni ma' statwi.

4. Illi l-ispettur Mario Bonello xehed li mill-1958 sal-1992 il-licenzja baqghet tithallas fuq Emanuel Brincat. Fl-1993 il-licenzja bdiet u baqghet tohrog fuq l-intimata Emanuela Brincat (fol 10-11). Hu esebixxa kopji ta' licenzja (tnejn Dok. MB1 u MB2 fol 12 u 13 li jirreferu ghall-perjodu 1 ta' Jannar 1995 - 31 ta' Dicembru 1995.

5. Illi l-intimat Louis Brincat xehed erba' darbiet;

1. seduta tal-11 ta' Lulju 1995 (fol 14-16) imsejjah mir-rikorrent.
2. seduta tas-sbatax ta' Novembru 1995 (fol 24-25) imsejjah mir-rikorrent.
3. seduta 21 ta' Mejju 1997 (fol 61-62) imsejjah mir-rikorrent.
4. seduta 29 ta' Ottubru 1997 (fol 64-67) minn jeddu.
5. seduta 4 ta' Frar 1999 (fol 123-131) minn jeddu.
6. seduta 27 ta' Lulju 1999 (fol 159-161) minn jeddu.

6. Illi l-intimat Joseph Brincat xehed fis-seduta tas-27 ta' Lulju 1999 (fol 161-162)

7. Illi l-intimat Louis Brincat stqarr li ilu jahdem fil-fond in kwistjoni, jaghmel l-istatwi mill-1958. Izzewweg fl-1970 ma joqghodx ma' ommu; kif darba kien impjegat ma' missieru, issa

hu impjegat ma' ommu. Esebixxa kopji fotostatici tal-P3 tieghu u ta' huh Joseph Brincat ghall-gheluq tas-snin 1991-1994 minn fejn jirrizulta li hu u huh kienu mpjegati ma' missierhom fl-gheluq tas-snin 1993 u 1994 bhala 'statue maker' (fol 26-33). Zid li barra li jahdem full-time ma' ommu ghandu xoghol part -time f'lukanda. Esebixxa ukoll dokumenti dwar hlas ta' P.A.Y.E. u N.I. maghmula minn missieru u ommu ghalih u ghal huh (LB1). Fl-ahharnett esebixxa 'acknowledgements' tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghas-snin 1991 - 1998 flimkien ma' xi dokumenti ohra 'in parte' diga esebiti.

8. Illi l-intimat Joseph Brincat esebixxa d-dokumenti a fol 139-140, acknowlegments tieghu personali mid-Dipartiment tat-Taxxa ghas-snin 1992-1996.

9. Illi l-intimata Emanuela Brincat esebiet 'acknowlegements' mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mibghuta lilha ghas-snin ta' stima 1993 - 1998 (fol 144 - 145).

10. Illi r-rikorrent esebixxa tlett cedoli ta' depozitu;

a. wahda maghmula minn Emanuele Brincat fil-11 ta' Awissu 1993 ghall-perjodu 27 ta' Frar 1993 - 26 ta' Mejju 1993 (fol 20).

b. ohra maghmula minn Joseph u Louis Brincat fid-19 ta' Settembru 1994 ghall-perjodu 27 ta' Mejju 1994 - 26 ta' Awissu 1994 (fol 21).

c. ohra maghmula minn Joseph u Louis Brincat fis-27 ta' Dicembru 1994 ghall-perjodu 27 ta' Novembru 1994 - 26 ta' Frar 1995 (fol 22).

11. Illi permezz tax-xhud James Farrugia gie stabbilit li l-intimata Emanuela Brincat hi registrata taht VAT numru 11976920.

12a. Illi mit-taghrif moghti minn Joseph Bezzina f'isem il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig l-intimat Joseph Brincat kien gie registrat bhala full time employee ma' Santini Garage fl-1965 u baqa' sa l-1992. Louis Brincat gie registrat bhala full time employee mill-1962. L-ghada gew impjegati mill-gdid. Din hija l-procedura normali ghax billi miet Emanuel Brincat u floku dahlet Emanuele Brincat kellu jsir hekk.

b. Fil-15 ta' Gunju 1992 Joseph Brincat kien irregistra bhala self employed izda fit-8 ta' Awissu 1995 iddikjara li kienet nulla ghax kien baghta bi zball u li hu kien full time employee. (fol 54).

c. F'Awissu 1995 Louis Brincat (jidher li bi zball fix-xhieda jissemma Joseph Brincat) baghat formola ta' full time employee b'lura ghall-1 ta' Gunju 1992. (fol 32).

13. Illi l-intimat Louis Brincat wara li qal li ma ghandu ebda sehem fil-kirja fix-xhieda principali tieghu (fol 64) kompla hekk fil-kontroezami (fol 65-66).

(1). "Il-flus tal-business ossija l-accounts tan-negozju immexxih jien. Il-qliegh minn negozju jigi ezawrit f'pagi li niehdu jien u hija u fl-ispejjez ghan-negozju. Minn negozju ma jibqax qliegh ghal mama' tieghi. Qatt ma baqa' qliegh ghal mama' tiegh. Irridu nahdmu sforz kbir biex ahna naqilghu bizzejjed biex inkopru l-pagi taghna u tal-impjegati u tal-ispejjez u ghalhekk qliegh ma jibqax. Ahna nahdmu minn gimgha ghal gimgha. It-target taghna ta' kull gimgha jkun illi nippruvaw naghmlu bizzejjed biex inhallsu l-pagi tal-impjegati u nippruvaw niehdu l-paga taghna. Fl-1995 ma kienx hemm qliegh bizzejjed biex niehdu l-paga li ahna niddikjaraw. Irrid nghid illi meta naraw illi l-paga tista' tithallas sa l-ahhar tas-sena, ahna nnaqsu mill-produzzjoni taghna. L-unici impjegati (f) dan in-negozju huwa jiena u hija, m'ghandniex impjegati ohra".

(2). Billi ma jaqlax bizzejjed jaghmel xoghol part time.

"Irrid nghid illi jiena ma nistinkax izjed fix-xoghol li jsir fil-garage in kwistjoni imma nippreferi niehu part time job, ghaliex ix-xoghol fil-garage in kwistjoni huwa xoghol li huwa detrimentali ghas-sahha ghax nuzaw l-isprey"

(3). Mal-mewt ta' missieru il-permessi daru fuq ommu (fol 128) - seduta 4 ta' Frar 1999. Hu jiehu hsieb il-hlas tal-VAT li jithallas minn ommu" mill-flus tal-qliegh".

14. Illi l-intimat Joseph Brincat jimla' l-formoli tat-taxxa ta' l-intimata, jghid li baghat tas-snin ta' stima 1992 u 1993.

"Jiena lill-mama' il-kopji intihomlha u kif stqarret li gralha dak l-accident is-sena l-ohra jew ma nafx meta u dawk il-karti ma sabithomx, u ghalhekk minn din is-sena (1999) jiena iddecidejt illi nibda' nzommhomlha jien .......

Mistoqsi dwar l-assessments tal-1992 u 1993 - fejn huma:

"Ma nafx, m'hiniex cert jekk huwiex ghandi. M'hiniex cert jekk humiex ghandi jew jekk tajthomliex lill-mummy, tal-1992 u tal-1993".

Ma jafx jekk thallsitx taxxa. Ma jidhirlux jekk qattx ipprezenta profit and loss account. (fol 161 - 162).

15. Illi l-aktar xhieda importanti hi dik ta' l-intimata moghtija fis-seduta tas-27 ta' Lulju 1999 (fol 157-159). Il-Bord jghid li minkejja li tghid li taf taqra ftit u taf tikteb isimha l-affarijiet taghha tafhom.

(1) Dwar it-taxxa tas-sena bazi tghid "jiena din qattajtha zgur, ma stajtx insibha. Il-formoli tat-taxxi anke' dawk tieghi, jimluhom kollha uliedi. Jiena illum ghandi 73 sena. Il-formola tat-taxxa jigifieri ghas-sena bazi 1992 ma nafx nghid ghaliex dahlet f'Awissu 1993.

(2) Mill-bejgh ta' l-istatwi uliedha li jarawha batuta jaghtuha dak li jistghu.

(3) Lit-tfal ma taghtihomx paga, lilha jtuha xi haga ghax hi m'ghandiex x'taghtihom, tghix bil-pensjoni.

(4) Ghandha numru tal-VAT, thallas xi haga, jiehdu hsieb u jhallsu t-tfal.

(5) Materjal ta' statwi ma tixtriex, kollox f'idejn it-tfal, hi ma tifhimx.

(6) Qabel il-kontroezami qalet testwalment.

"Mistoqsija jekk ghandiex xi sagru f'dan in-negozju, jien nghid li noghqod ghal kollox fuq li jghiduli uliedi. Ma nafx kemm jiehdu paga uliedi min-negozju. Dan wara li qed nigi mistoqsija domanda jekk uliedi jiehdux paga. Meta miet zewgi kienu uliedi li hadu hsieb, jien ma ndhalt f'xejn. Meta miet zewgi l-kera bdew johorguha uliedi jigifieri Louis u Joseph Brincat. Uliedi qaluli li r-rikorrent mhux qieghed jaccetta l-kera. Minghalija uliedi kienu qaluli xi haga dwar li poggew il-kera l-Qorti. Uliedi naf li jhallsu kera ta' hamsin lira, ghaliex hekk kien ihallas zewgi. Ghall-ewwel li miet zewgi r-ricevuti bdew isiru fuqi. Bdew isiru fuqi ghax it-testment hekk kien jghid, jigifieri jien kont uzufruttwarja. Il-kera kienu jhallsuh dejjem uliedi ghax jiena qatt ma kellu x'naqsam mal-hanut'.

(7) Fl-ahhar tax-xhieda tghid li wara li miet zewgha dawl u ilma qatt ma hallset. Il-hlas isir minn uliedha.

16. Illi mix-xhieda bil-fomm u mid-dokumenti esebiti jirrizulta;

(1) dawn il-proceduri huma t-tielet tentattiv mis-sid biex jiehu lura l-post u ilu ma jiehu kera minn mindu kien ghadu haj Emanuel Brincat li miet fl-14 ta' Mejju 1992.

(2) mal-mewt ta' Emanuel Brincat il-licenzja/ permessi daru fuq l-armla Emanuela Brincat.

(3) Emanuela Brincat ghandha l-Vat 11976920 fuq il-fond in kwistjoni u thallas xi ammonti zghar.

(4) Emanuela Brincat registrata fuq il-fond Santini House, Triq ir-Redentur, Zabbar thallas il-PAYE.

(5) Emanuela Brincat irceviet mid-Dipartimenti tat-Taxxi Interni acknowlegdements ghas-snin ta' stima 1993, 1995, 1996.

(6) il-kera tal-fond gie depozitat il-Qorti minn Emanuela Brincat darba jigifieri fil-11 ta' Awissu 1993 ghall-perjodu 27 ta' Frar 1993 - 26 ta' Mejju 1993. Gie depozitat darbtejn mill-intimati l-ohra i.e. fid-19 ta' Settembru 1994 ghall-perjodu 27 ta' Mejju 1994 - 26 ta' Awissu 1994 u fis-27 ta' Dicembru 1994 ghall-perjodu 27 ta' Novembru 1994 - 26 ta' Frar 1995.

(7) Xi whud mid-dokumenti maghmula mill-intimati Louis u Joseph ghall-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig saru b'lura ('backdated').

(8) Fit-12 ta' Awissu 1992 l-intimat Joseph Brincat baghat formola bhala li jahdem ghar-rasu (self-employed) lill-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig li giet kancellata fuq talba tieghu fit-8 ta' Awissu 1995 billi kien impjegat il-hin kollu (full time employee). Ir-rikors gie prezentat fit-13 ta' Jannar 1995 u notifikat lill-intimati fl-istess xahar.

(9) L-intimati Joseph u Louis Brincat fuq dokumenti dwar PAYE jidhru kemm meta kien haj missierhom u kemm wara bhala impjegati.

(10) Il-gestjoni tan-negozju hi ghal kollox f'idejn l-intimati Joseph u Louis ahwa Brincat ulied l-intmata Emanuela Brincat.

17. Illi l-Bord hu tal-fehma li l-intimata Emanuela Brincat ghaddiet il-kirja lil uliedha. F'dan il-kaz mhux bizz il-gestjoni tan-negozju ghaddiet f'idejn l-ulied (gestjoni ta' fond lokat m'hiex l-istess u ma tammontax ghall-sullokazzjoni - ara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Zammit et vs Camilleri et 29/10/98 imsemmija mir-rikorrenti dwar punti legali ohra) imma ghaddiet ukoll il-kirja tant li l-intimat stess tghid kemm il-darba li hi m'ghandha x'taqsam ma xejn. Dan mhux ghax illum hi mghobbija bis-snin. Ghamlet hekk volontarjament u l-Bord diga' sehaq li waqt li qed tixhed fehem li hi mara li taf l-affarijiet taghha. Tghid hi stess, li lil uliedha ma taghtihomx paga, li l-VAT ihallsuha uliedha, li d-dawl u l-ilma jaghmlu tajjeb ghalih uliedha.

18. Illi l-Bord ma jistax iwarrab, qishom xejn, zewg cedoli ta' depozitu maghmula f'isem l-intimati Joseph u Louis ahwa Brincat wara li saret cedola f'isem l-intimata Emanuela Brincat. Lanqas jista' jaccetta dak li stqarr l-intimat Louis Brincat (fol 65-66) in kontroezami.

"Wara li miet il-papa biex niddepozitaw il-kera jiena cert li kont mort jien izda ma nafx jekk kienx gie hija ukoll mieghi ghand l-avukat. Niftakar li dan kien xi hmistax il-gurnata wara li miet il-papa' u meta mort ghand l-Avukat Micallef Trigona biex jaghmilli d-depozitu, qalli, issa tridu tghiduli f'isem min ha naghmel id-depozitu u jiena ghedtlu illi t-testment konna ghadna ma rajnihx u wara li wrejtu t-testment xi zmien wara qalli li rridu nagilbu kollox f'isem il-mama'. Lill-avukat Micallef Trigona ahna ma konniex nghidulu f'isem min jaghmel id-depozitu, jiena kont intih il-kera u nhalli f'idejh. Ghamel id-depozitu f'isem ommi kif ghedt minhabba li jiena tajtu d-dettalji tat-testment. Jiena ma jidhirlix li l-Avukat Micallef Trigona ghidtlu li l-business issa dan f'idejna'.

19. Illi fil-fatt gara l-kuntrarju ta' dak li qed jghid l-intimat ghax l-ewwel cedola saret f'isem l-omm u kienu ta' warajha li saru f'isem uliedha. Jekk l-avukat staqsa (verzjoni ta' l-intimat), kif l-istess intimat jghid li lill-avukat ma kienx jghidlu f'isem min jaghmel id-depozitu? Ghaliex l-intimat mhux cert ghal kollox x'qal lill-avukat?
"jiena ma jidhirlix li lill-avukat .... ghidtlu li l-business issa dar fuqna". (sottolinear tal-Bord).
Il-Bord ma jistax jaccetta s-sottomissjoni ta' l-avukat ta' l-intimati li sar zball. L-intimata tghid li l-kera kienu johorguha uliedha u mhux kif jghid binha li l-flus tal-kera "kienet ittihomlna l-mama' mill-flus tal-business".

20. Illi l-itnimat Joseph Brincat kien iddikjara li fl-1 ta' Gunju 1992 gharraf mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li hu self-employed ma' Santori Statue Manufacturer. Talab kancellament wara l-prezentata tar-rikors. Mid-Dokument a fol 54 hu car li hu qed jiddikjara ruhhu li jahdem ghar-rasu (S/E ghal darbtejn li l-Bord jifhem li tfisser self-employed).

21. Illi l-Bord ma jifhimx kif l-intimati mitluba jipproduci certi dokumenti ma jgibuhomx meta ghandhom u pprezentaw ruxxmata dokumenti, xi whud minnhom irrelevanti ghall-kaz. X'gara minn dawn id-dokumenti dawk mitluba.

22. Illi dwar il-formoli tat-Taxxa Fuq id-Dhul hemm kontradizzjoni bejn dak li tghid l-intimat (fol 157) u dak li jghid binha Joseph Brincat (fol 161).

<u>L-intimata</u>
"Ir-return tas-sena bazi 1993 mhix qeghda hemm. Jiena din qattajtha zgur, ma stajx insibha. Il-formoli tat-taxxi anki dawk tieghi jimlewhom kollha uliedi. Jiena illum ghandi 73 sena. Il-formola tat-taxxa jigifieri r-return ghas-sena bazi 1992 ma nafx nghid ghaliex dahlet f'Awissu 1993.

<u>Joseph Brincat.</u>
"Jiena lil mama' l-kopji intihomlha u kif stqarret hi gralha dak l-incident is-sena l-ohra jew ma nafx meta u dawk il-karti ma sibthomx, u ghalhekk minn din is-sena jiena iddecidejt illi nibda nzommhom jien.

L-assessments intbaghtu imma l-intimat jghid;
"ma nafx, m'hiniex cert jekk humiex ghandi. M'hiniex cert jekk humiex ghandi jew tajthomlhiex lil mummy tal-1992 u tal-1993.

23. Illi l-intimat Louis Bartolo jistqarr li;

a. "Minn negozju <u>ma jibqax qliegh ghall-mama'</u> tieghi. Qatt ma baqa' qliegh ghal mama' tieghi". (fol 66 - seduta 27 ta' Ottubru 1997).

b. Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 1999 jghid:
"Iva, il-mama' hallset il-VAT jigifieri f'isimha mill-<u>flus tal-qliegh</u> ovvja.... (fol 160).

c. Fl-istess seduta jghid li lil ommu jinghata n-net profit. Jghid ukoll "on the <u>whole in-net profit ikun taghha".</u> (fol 160).

d. L-intimata tghid (fol 159)
"Mill-bejgh ta' l-istatwi uliedi dak li jistghu jaghtuni, jaghtuhuli, jarawni batuta u jaghtuni".

24. Illi l-abili difensur ta' l-intimati ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim'Awla fil-25 ta' Gunju 1999 fil-kawza fl-ismijiet 'Borg vs Brincat' (per G. Caruana Demajo). Bir-rispett kollu dik il-kawza m'ghandha x'taqsam xejn dwar dan il-kaz.

25. Illi "hu car u ovvju illi hu s-sid li jrid jipprova dak li jollega u cioe' li l-inkwilin bla kunsens tieghu ssullka l-fond jew ceda l-kirja tieghu. U tali prova mhix bizzejjed li tkun indizju jew probabilta'. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal il-gudikant ghall-konvinciment illi l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil haddiehor. Is-sid allura jrid jipprova sodisfacentement illi l-inkwilin ma kienx zamm ghalih b'mod rejali u mhux fittizju l-kirja u li konsegwentement ma jkunx ihossu dwarha responsabbli ghall-oggett lokat versu s-sid". (ara sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Theuma vs Mercieca', 20/2/96; u in re 'Portelli noe et vs Cordina et' 29/4/96).

26. Illi mill-kumpless tal-provi l-Bord hu tal-fehma li l-intimata issullokat l-fond jew ittrasferit il-kiri lill-intimati l-ohra minghajr il-kunsens tas-sid. L-intimata m'ghadiex tuzufruwixxi mill-jeddijiet taghha. Fid-deher l-affarijiet jidhru mod imma l-fatti huma ohra. L-intimat telqet il-fond f'idejn uliedha, fih ma ghanda l-ebda interess u sogru. L-intimati matul il-proceduri ghamlu kull ma setghu biex jahbu dak li gara imma hemm fatti li jitkellmu wahidhom.

Ghalhekk il-Bord jawtorizza lir-rikorrent jirriprendi pussess tal-fond 'Santini Garage' f'Redeemer Street, Haz-Zabbar; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati".

Minn dik is-sentenza appellaw l-intimati kollha permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fl-1 ta' Frar, 2000, li bih huma talbu li din il-Qorti

joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet ta' l-intimat appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

Fis-17 ta' Frar, 2000, l-intimat appellat ipprezenta r-risposta tieghu li fiha ta r-ragunijiet ghala l-appell interpost mill-intimati ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens ta' ilment ripetut li l-Bord naqas illi jaghti kas ta' diversi dokumenti migjuba fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, kollha intizi biex jaghmlu prova illi hawnhekk si tratta ta' negozju familjari li huma jsejjhu *typical family business* u ma tbiddel xejn minn kif kienet is-sitwazzjoni meta kien ghadu haj l-inkwilin originali, cioe' ir-ragel ta' l-appellanti Emanuela u missier l-appellanti l-ohra. L-appellanti jsostnu li hemm dokumenti bizzejjed relatati man-National Insurance, permessi tal-pulizija.

Income tax, Vat, etc. kif ukoll dokumenti ohra li jippruvaw li assolutament ma hemmx prova li l-kirja giet mghoddija minghand ommhom, l-appellanti Emanuela Brincat lilhom taht forma ta' sullokazzjoni jew taht xi forma ohra u li l-Bord wasal ghas-sentenza peress li ma tax kaz tad-dokumenti li gew esebiti.

Min-naha ta' l-appellat is-sottomissjoni hija illi l-Bord iddecieda tajjeb meta nduna bil-messa in xena li giet krejata mill-appellanti biex jghattu l-

verita' li kienet tikkonsisti fit-trasferiment tal-lokazzjoni minn fuq ommhom Emanuela Brincat ghal ghandhom.

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha, anke dawk li huma rrilevanti, kif tajjeb spjega l-Bord fis-sentenza appellata, u tasal ghall-konkluzzjoni identika ghal dik tal-Bord. Jidher illi sa mill-bidu nett wara li miet l-inkwilin originali, jigifieri Emanuele Brincat, l-appellanti wliedu, ad eskluzzjoni ta' l-appellanti Emanuela, dahlu jiggestixxu n-negozju li kien halla missierhom fl-istess fond de quo, u mal-kors taz-zmien hadu *over* taht kull aspett immaginabbli, inkluz il-pagament da parti taghhom tal-kera, anke jekk din fil-fatt tigi depozitata, u ilha tigi depozitata s-snin.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta' ommhom, l-appellanti Emanuela Brincat, li ex testamento suppost kienet ghaddiet ghandha l-kirja minghand zewgha, l-inkwilin originali; ezaminat ukoll d-deposizzjonjiet ta' uliedha l-appellanti l-ohra, u tara illi ma jistax ikun hemm dubbju illi Emanuela Brincat essenzjalment ghaddiet kollox, cioe', l-fond, il-kirja u n-negozju bl-avvjament b'kollox f'idejn uliedha l-appellanti l-ohra, li ghal kull bon fini, kif inghad, hadu *over* dak li kien ta' missierhom. Hemm ukoll kontradizzjonijiet dwar jekk l-appellanti ommhom Emanuela Brincat hiex qed tippercepixxi xi haga, jew jekk ghandhiex sogru fin-negozju, jew jekk almenu baqghetx tippretendi li ghandha dritt tal-kirja, pero' kollox huwa indikattiv li jew qed tinheba l-verita' jew inkella li l-verita' hija dik li kif ghadha kemm qalet din il-Qorti,

u cioe', illi l-istess appellanti Emanuela Brincat illum assolutament m'ghandha ebda interess fil-fond u ghaddietu lil uliedha.

Gie sottomess li hemm messa in xena, u fil-fatt din il-Qorti taqbel li hemm messa in xena, mibnija minn ulied Emanuela Brincat appellanti, biex jaghttu u jikkrejaw xenarju fejn taparsi huma mpjegati taghha u li hija zammet id-drittijiet taghha lokatizji fuq il-fond. Pero', din il-Qorti tghid bla tlaqliq li dan huwa messa in xena. Ma tantx taghti importanza partikolari lill-fatt taz-zewg cedoli ta' depozitu hlief li huma wkoll indikattivi ta' dak li kien qed jigri, cioe' tal-konfuzjoni li bilfors ikkrejaw f'mohh l-avukat dwar jekk kienux huma jew jekk kienetx ommhom t-titolari tal-lokazzjoni. Fi kwalunkwe kaz hemm bizzejjed, fil-fehma ta' din il-Qorti, li jikkonvinciha li mhux il-kaz li tigi disturbata d-diskrezzjoni li ezercita l-Bord.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u d-decizjoni tal-Bord qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellanti. Fl-ahhar nett ghall-fini ta' l-izgumbrament il-perjodu ta' tlett xhur moghti mill-Bord bis-sentenza appellata jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

m